# It-Turiżmu Lejn Malta: Lulju 2026

NR 161/2026 | It-Turiżmu | Data tal-Ħruġ: **14/09/2026**





## Punti Prinċipali

- L-għadd sħiħ tat-turisti li waslu Malta f'Lulju 2026 kien stmat li laħaq l-489,494, żieda ta' 20.8 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar fl-2025. L-għadd kollu tal-iljieli mqattgħin kien jgħodd 3,191,483 u n-nefqa kollha laħqet l-€538.4 miljun.
- Il-biċċa l-kbira tal-iljieli (88.4 fil-mija) kienu mqattgħin fi stabbilimenti ta' akkomodazzjoni mikrija.
- Fl-ewwel seba' xhur tal-2026, it-turisti li waslu Malta laħqu iż-2,621,319, filwaqt li l-għadd sħiħ tal-iljieli mqattgħin laħaq l-14.9-il miljun lejl.
- Minn Jannar sa Lulju 2026, in-nefqa sħiħa tat-turisti kienet stmata li laħqet l-€2,334.0 miljun, filwaqt li n-nefqa ras għal ras kienet ta' €890.

---

## Kummentarju

*F'Lulju 2026, l-għadd sħiħ tat-turisti li daħlu Malta kien stmat li laħaq il-489,494, żieda ta' 20.8 fil-mija meta mqabbel ma' sena qabel.*

Fix-xahar ta' referenza, 465,182 turist żaru Malta għal btala, mentri 13,031 turist ġew Malta għal raġunijiet ta' xogħol. L-akbar għadd ta' turisti kellhom bejn 0 u 24 sena (38.0 fil-mija); warajhom kien hemm dawk fl-età ta' bejn il-25 u l-44 sena (31.4 fil-mija) (Tabella nru 1). Residenti mir-Renju Unit, l-Italja u l-Polonja kienu jammontaw għal 45.1 fil-mija tat-turisti kollha li waslu Malta (Tabella nru 4).

Meta mqabbel mal-istess xahar tas-sena ta' qabel, l-għadd sħiħ tal-iljieli mqattgħin Malta tela' bi 15.1 fil-mija, u laħaq it-3.2 miljun lejl. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-iljieli (88.4 fil-mija) kienu mqattgħin fi stabbilimenti ta' akkomodazzjoni mikrija (Tabella nru 2). It-tul medju ta' dawn iż-żjajjar kien ta' 6.5 iljieli (Tabella nru 1).

F'Lulju 2026, in-nefqa tat-turisti laħqet l-€538.4 miljun, żieda ta' 19.1 fil-mija fuq l-istess xahar sena qabel (Tabella nru 3). L-infiq medju kull lejl kien stmat li jammonta għal €168.7 (Ċart nru 2b).

It-turisti li żaru Għawdex u Kemmuna, kemm dawk li qagħdu għal ġurnata kif ukoll dawk li raqdu hemm, ammontaw għal 314,708, jew 64.3 fil-mija tat-turisti kollha (Tabella nru 1).

**Jannar-Lulju 2026**

Fl-ewwel seba' xhur tal-2026, 2,621,319-il turist wasal Malta, żieda ta' 18.6 fil-mija fuq l-2025 (Tabella nru 1). In-numru tal-iljieli mqattgħin tela' bi 11.1 fil-mija u b'hekk laħaq l-14.9-il miljun lejl (Tabella nru 2).

L-infiq sħiħ mit-turisti kien stmat li laħaq l-€2,334.0 miljun, 15.8 fil-mija ogħla minn dak li kien irreġistrat fl-istess żmien tal-2025 (Tabella nru 5). L-infiq kollu ras għal ras naqas għal €890 mid-€912 li kien stmat fl-2025 (Tabella nru 7).

It-turisti li żaru Għawdex u Kemmuna, kemm dawk li qagħdu għal ġurnata kif ukoll dawk li raqdu hemm, ammontaw għal 1,438,280, jew 54.9 fil-mija tat-turisti kollha (Tabella nru 1).

**Ċart nru 1. Numru totali ta' turisti li żaru Malta fix-xahar**

*Xahar ta' riferenza: Lulju 2024–Lulju 2026*




**Ċart nru 2a. In-nefqa ras għal ras mit-turisti li żaru Malta**

*Xahar ta' riferenza: Lulju*




**Ċart nru 2b. In-nefqa kull lejl mit-turisti li żaru Malta**

*Xahar ta' riferenza: Lulju*




It-Turiżmu

### Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

- L-Istabbilimenti ta' Akkomodazzjoni Kollettiva: K2/2026
- It-Turiżmu 'l Barra minn Malta: K2/2026
- It-Turiżmu Lejn Malta: Ġunju 2026
- Il-Passiġġieri tal-Vapuri tal-Kruċieri: K2/2026
- It-Turiżmu Lejn Malta: Mejju 2026

**Għal mistoqsijiet ikkuntattja:**

lcc.nso@gov.mt

**Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:**

L-Indikaturi Magħżula